# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DEĊIZJONI NRU: 3031

**Kaz Numru : 3841DP**

**Fil-kwistjoni tax-xogħol**

**bejn**

**Neville Bonnici (385374M)**

**u**

**Sata Bank plc (C66993) u**
**Ernst and Young Ltd (C30241)**

**dwar allegat tkeċċija nġusta.**

**<u>Chairperson : Av. Doreen Parnis M.Adv., LLb. Dip. L.P. M.A.,B.A., P.G.C.E.</u>**

**It-Tlieta 12 ta' Novembru, 2024**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz ġie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' Rikors ipprezentata mill-Av. Leontine Calleja f'isem ir-rikorrenti Neville Bonnici fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-13 ta' Mejju, 2020, fejn sostniet li t-terminazzjoni ta' l-impieg tiegħu minn mas-socjeta' intimata, għal raġunijiet inġusti.

Is-soċjeta' Ernst & Young (EY) fir-risposta tagħha qalet li li hi qatt ma kienet timpjega lir-rikorrent u li ma tezistix relazzjoni ta' mpjegat u min jimpjega bejniethom. Qalet ukoll li t-talbiet infushom tar-rikorrent jezorbitaw il-ġurisdizzjoni u kompetenza ta' dan it-Tribunal u dan ghax ir-rikorrenti qed jitlob ħlas ta' paga ta' sena, ħlas ta' leave li ma itteħidx u bonuses oħra li qed jitlob skont il-Ftehm Kollettiv f'kaz ta' terminazzjoni mill-impjieg.

Min-naħa tagħha s-soċjeta' ntimata Sata Bank fir-risposta tagħha elenekat ukoll kif dan it-Tribunal m'għandux ġurisdizzjoni jisma' l-kaz minħabba li t-talbiet tal-intimat huma

għall-ħlas ta' leave, zieda fis-salarju, ħlas ta' performance bonus u kumpens allegat dovut lilu *ai termini* ta' artikolu 10 tal-Kuntratt ta' mpjieg tiegħu.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, evalwa x'intqal mix-xhieda, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fis-sottomissjonijiet u fit-trattazzjonijiet ta' l-avukati difensuri.

**Rapprezentanza**

Neville Bonniċi li minn issa l-quddiem ser jissejjaħ ir-rikorrent kien assist mill-Av. Leontine Calleja

SataBank plc kien rapprezentat mill-Av. Lorraine Conti u Ernst & Young, kien irraprezentat mill-Av. Robert Attard.

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrent kien impjegat mal-intimat Sata Bank bħala *Chief Operating Officer* mis-6 ta' Ottubru 2014 u f'Ottubru 2018 it-tmexxija tal-Bank waqa' taħt il-kontroll ta' Ernst & Young Ltd. Ir-rikorrent allegatament bħala mpjegat tħalla bla spjegazzjoni ta' x'ser jiġri, l-impjieg tar-rikorrent ġie itterminat permezz ta' ittra li hu rċieva datata 21 ta' Jannar 2020. Ir-rikorrent jgħid li minkejja fil-kuntratt tax-xogħol hemm klawsola li f'kaz ta' terminazzjoni jew trasferiment ta' business u jiġi tterminat, għandu dritt għal sena paga bħala *termination benefit*, liema flus ma ngħatax. Ir-rikorrent jgħid ukoll li kien ititolat għal tlieta u għoxrin (23) ġurnata ħlas ta' leave li ma bbenfikax minnhom fis-sena 2018 u li ġie approvati trasferiti għas-sena 2019. Jallega wkoll li kien intitolat għal zieda annwali fil-paga minn Jannar 2018 ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tas-salarju li wkoll ma ngħatax, imma fil-fatt ingħata biss parti minn din iz-zieda.

Minn naħa tagħha EY fir-risposta qalet li hi mhix leġittmu kuntradittur u dan għax hi qatt ma kienet l-employer tar-rikorrent kif jgħid ir-rikorrent stess fid-dikjarazzoni, u qatt ma

kienet tezisti employer-employee relationship. *Non e stante* s-suespost EY telenka wkoll li t-*termination benefit* skont klawsola 10 tal-kuntratt tal-Impjieg ma tiregolax il-kundizzjoni tal-kaz odjern jiġifieri mhix marbuta ma' redundancy.

Tgħid ukoll li l-ħlas tal-leave li nagħtalu huwa skont ir-regoli tan-*notice period*. Qalet ukoll li z-zieda fil-paga li jirreferi għaliha r-rikorrent mhix xi obbligu minn naħa tas-soċjeta' izda għad-deskrizzjoni ta' min iħaddem u marbuta mal-*performance assessment.*

Sata Bank Ltd preliminarjament talbet lit-Tribunal jiddikjara li mhux fil-kompetenza tiegħu jisma' dan il-kaz u dan għax ma jirrigwardjax allegat tkeċċija nġusta' izda allegatament nuqqas ta' għoti ta' *termination benefits*, nuqqas ta' zieda f'pagi dovuti u nuqqas ta' kumpens ta' ħlas ta' leave li ma tteħidx; jiddikjara li EY jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju; jiġi milqugħ il-kontro-mandat li talbet EY fil-konfront ta' mandat ta' sekwestru li nħareġ mit-Tribunal stess.

**Ġabra fil-qosor tax-xhieda**

**David Eacott** fil-kapaċita' ta' Kap ta' supervizjoni Bankarja mal-*Malta Financial Services Authority*, qal li l -MFSA kellha tħassib dwar kif kien qed jitmexxa l-bank u ħarget sensiela ta' *public notices* u wkoll appuntat lil EY biex jagħti pariri kif għandu jiġi immexxi l-bank. Aktar tard, jigifieri fl-20 ta' Ottubru, EY ġiet ukoll appuntata biex tieħu l-kontroll tal-bank u tieħu post il-Board u l-Management. Ix-xhud qal li EY kienu biss qed jieħdu post il-Board u l-Management f'dak li jirrigwarda tmexxija. Huwa qal ukoll li l-klijenti ġew imwaqqfa milli jkunu attivi u dan għax ma tħallewx jieħdu d-depoziti tagħhom u persuna apposta kellha tivverifika l-ħlas ta' loans li kienu qed jiddaħħlu. Tħallsu lura klijenti li provdew l-informazzoni korretta. Biex isir dan, ix-xhud qal li ma kienx hemm bzonn ta' awtorizazzjoni minn għand l-azzjonisti. Ix-xhud qal li l-bank kien qed jiġi mmexxi minn entita' indipendenti. Qal ukoll li l-awtoritajiet irtiraw il-liċenzja tal-bank fl-2020 u wara l-MFSA ħatret likwidatur biex jillikwida l-kumplament tal-assi. Huwa qal ukoll li l-Bank baqa' bil-personalita' legali li kellu anke meta nħatret EY.

**Richard Galea Debono** fil-kapaċita' ta' Kontrollur maħtur tas-SataBank fis-sens ta' stralċjatur skont l-Att dwar Kummerċ Bankarju kap 371, qal li huwa ġie appuntat mill-MFSA fit-30 ta' Ottubru 2020 u qal li l-azzjonisti ma kienux involuti biex jiġi appuntat.

Huwa qal li -raġuni għala huwa ħa l-kontroll tal-bank kienet għax il-liċenzja tiegħu kienet tneħħiet xi xahrejn qabel. Huwa qal, allura huwa ma sabx bank attiv u kellu d-dover li jillikwidah. Ix-xhud qal li minn ivestigazzjoni li kienu nbdew fl-2017 sew mill-MFSA u mill-FIAU, l-awtoritajiet dehrilhom illi l-affarijiet tal-bank ma kienux qed tmexxew skont il-liġijiet u kien hemm biza' ġustifikata dwar ksur ta' liġijiet u ħasil ta' flus u f'Ottubru 2018 l-MFSA ħadet il-pass illi tappunta lill-awditur EY, l-ewwel biex jissorveljaw il-bank u wara ftit ġimgħat ġiet maħtura tieħu l-kontroll kompletament b'ordni biex il-bank ma jibqax jopera ħlief biex jirrifondi lura l-flus tad-depozitanti. Ix-xhud qal li minn Ottubru jew bidu Novembru 2018, il-bank ma baqax jopera bħala bank. Il-liċenzja ma tteħditx mal-ewwel u kien il-Bank Ċentrali Ewropew li lejn nofs l-2021 ta ordni lil MFSA biex iwaqqaf il-liċenzja. Wara ftit xhur ix-xhud qal huwa ġie appuntat bħala stralċjatur.
F'seduta oħra x-xhud ipprezenta imejl li kien iriċieva mingħand Christo Gorgev , l-*ultimate beneficial owner* (UBO) u ipprezenta wkoll it-tweġiba tiegħu lill-istess Gorgev. Ix-xhud qal ukoll li l-proċeduri għadhom pendenti u nagħlqux. Qal ukoll li fil-fazi prezenti għadu mhux kulħadd tħallas, l-anqas beda l-ħlas, jafu min huma l-kredituri, jafu kemm hemm flus involuti u hemm skema ta' distribuzzjoni izda għad trid tiġi approvata mill-bord tal-appell.

**Louis Buħaġiar** bħala rapprezentant tal-JobsPlus qal li t-terminazzjoni tar-rikorrent minn għand is-Soċjeta' Sata Bank plc qatt ma rċevewha u allura għalihom r-rikorrent għadu jaħdem mas-soċjeta' Sata Bank. Qal ukoll li mill-1 ta' April 2020 beda jaħdem ma' Raisefiled Ltd bħala Executive Manager full-time.

**Grace Camilleri** permezz ta' affidavit u fil-kapaċita' ta' *Strategy and Transactons Partner* ma' EY u bħala accountant, qalet li xogħlha fost affarijet oħra huwa ta' supervizjoni ġenrali tal-inkarigi kollha li tieħu EY fis-settur bankarju. Ix-xhud qalet f'Ottubru 2018 EY ġiet inkarigata tieħu kontroll tal-assi tal-bank bl-intenzjoni li jiġu salvagwardati l-interessi tad-depozitaturi u ġiet ukoll ordnata biex ma taċċettax klijenti ġodda fejn l-attivitajiet tal-bank kienu ġew risretti ħafna. Hija qalet li l-attivitajet tal-bank kienu kwazi waqfu għal kollox u dan għax la seta' jaċċetta kijenti ġodda, la seta' jirċievi flus u l-anqas ma seta' jagħħmel trasferimenti ta' flus jew kwalunkwe tranzazzjoni bankarja oħra. Hija qalet li għaldaqstant meta ġie appuntat EY il-bank kien waqaf milli jopra bħala bank kummerċjali vera u propju u kompla jiffunzjna biss sabiex irodd lura li kien hemm depozitati għandu.

**Neville Bonnici** qal li kien ilu mpjegat mas-soċjeta Sata Bank  sa mill-2014 sal-2019 u beda bħala Chief Operating Officer. Ix-xhud qal li fl-2018 involvew ruħhom  EY u ma qalulhomx ezatt x'ħa jiġri. Huwa qal li f'dik l-itess ġimgħa sar jaf mill-bord tal-Bank  fejn l-azzjonist  prinċipali kellu komunika mir-regolatur fejn dan offrielu jew jiddisponi mill-azzjonijiet, jiġifieri jbiegħhom jew inkella jagħmel *winding down* u jirritorna lura l-liċenzja tal-bank. Huwa qal li kien hemm diversi laqgħat ma' azzjonijieti prospettivi biex jieħdu *over* l-azzjonisti attwali u li kienu lesti jzommu lill-impjegati. Ix-xhud qal li l-bank baqa' jaqla' l-flus sa sena wara u dan għax il-bank kellu investimenti fl-UPS, l-Izvizzera, kellu mitejn miljun meta ġew EY u l-fondi tal-klijenti kienu jammontaw għal madwar  mija u ħamsin miljun, mitejn miljun minnhom kienu l-Bank Ċentrali u madwar  mija u għoxrin miljun ieħor  fid-*Deutsche Bank.* I-xhud qal li madwar mitt miljun ieħor kienu taħt il-kustodja tal-UPS. Ix-xhud qal li l-bank baqa' b'saħħtu. Tlieta u għoxrin miljun tal-azzjonisti bdew jiġu winded down. Huwa qal li kull min daħal hemm ġew tħallas mill-fondi tal-bank, mill-fond tal-azzjonisti. Huwa qal li ġew itterminati fil-21 ta' Jannar 2020 u l-fondi bdew nezlin. U jekk il-fondi jinzlu taħt il-ħames miljuni awtomatikment il-bank ma jibqax jopera bħala bank.  Huwa qal li wara li għalaq 25 sena l-BOV u kellu penzjoni u dejjem kienet ċara li jekk se jiffirma  kuntratt ma' bank u jekk jiġi jitlaq għax il-bank jinqagħlalu xi ħaġa jkun intitolat għal 3 snin paga,  izda fil-kaz  odjern, dan il-bank m'humiex imdorrijin b'dawn it-termini u allura aċċettaw li jagħmlulhom klawsola għal sena paga f'kaz ta' terminazzjoni u dan f'kaz li bank jiġi winded down jew ifalli u jkollu jagħlaq.. Huwa qal li meta ġew itterminati l-bank kien għadu b'saħħtu. Huwa qal li kulħadd ra kif ħaleb il-bank  meta daħal hemm ġew u lilhom raw kif evitaw u jfittxu fil-klawsoli biex  ma jtuhomx li hu dovut lilhom. Huwa qal li kien wieħed li beda u bena l-bank u issa qed ikollu jiġi jitkarrab u jiġġustifika ruħu għal kif ġew immaltrattati. Qabel ma bdew il-*winding down* infurmawh li hu u CEO ġew itterminati.  Huwa qal li din diskriminazzjoni għax lilhom neħħewhom u persuni oħra fl-ezekuttiv tħallew għal sitt xhur oħra, li kull ma kien ilhom impjegati kien biss sitt xhur. Huwa qal li kull min kellu l-klawsola ta' sena paga ġew itterminati u kull min ma kellux zammewh. Ix-xhud qal li kull ma kellhom sena paga wkoll ċaħduhom mill-kumpens tal-leave , ma ħallsuhomx tal-bonuses u lanqas tan-notice. Ix-xhud qal li llum għandu mpjieg izda fil-qasam bankarju sar persona non-grata għax kif issemmilhom fejn kien jaħdem, jiġifieri s-soċjeta Sata Bank jagħlqulu l-bibien u lanqas baqa' jippersisti f'din il-linja ta' xogħol. Ix-xhud qal li zewg toroq kellhom jew winding up jew jinbiegħ.

Għall-kontro-ezami ix-xhud qal li tterminazzjoni tawhielu għal darba darbtejn għax ħadu zball. Huwa qal li ma kellux alternattiva ħlief li jaċċettaha. Huwa qal li saret diskriminazzjoni meta lilu u s-CEO keċċewh u lil Kevin c-*chief risk officer*, zammewh avolja kien ilu biss sitt xhur. Ix-xhud qal li d-diskriminazzzjoni mhux Kevin għamilha izda min zammu. Ix-xhud ikkonferma li zammewh lil Kevin għax ma kellux il-klawsola bħal ma kellu hu li jitħallas sena paga. Huwa qal li lmenta għan-nies li EY ġabu, madwar 80 persuna mill-Ewropa. Huwa qal li kien hemm kazi fejn il-klijenti intalbu jagħtu dokumenti għal darba darbtejn tlieta u erbgħa, meta dawn uhud lanqas kellhom għaxja ta' lejla, u dawn ma kienux kumanji. Huwa qal ukoll li id-deċizjoni li jitterminawh huma ħaduha u mhux hu. Huma itterminaw l-impjieg tagħhom. Ix-xhud qal li fil-verita' l-winding up kienet saret.

**Mario Gauci** qal li kien jaħdem bħala Chief Executive Officer mas-soċjeta' Sata Bank. Ix-xhud qal li hu u r-rikorrent kienu l-persuni li bdew il-bank u li r-rikorrent kien parti mill-ezekuttiv u kellu rwol bazikament tal-operat tal-bank kollu.. Huwa qal li fil-bidu kellhom taħdidiet personalment mal-*beneficial owner* tal-bank biex ikollhom safety nets fil-kuntratt tax-xogħol biex f'kaz li jinqala' xi ħaġa jkun hemm backing kuntrattwali u qal li kellhom klawsola fil-kuntrat li f'kaz l jibda proċess ta' winding up jinagħtaw paga ta' sena, liema ftehim kien iffirmat mill-istess *beneficial owner* tal-bank. Huwa qal li f'Ottubru 2018 ġie regolatur b'poteri limitati izda l-bord kien għad għandu saħħa jieħu deċizjonijiet. Huwa qal li huwa kien wieħed milli kellu poteri jieħu deċizjonijiet u l-bord kien irrisolva li jibda l-process ta' winding up u l-bord daħal mar-regolatur biex jispjegalu l-proċess kif kien se jipproċedi. Ix-xhud qal anke l-*beneficial owner* kien aċċetta din id-deċizjoni biex jibda l-winding up.

**Marisa Saliba** fil-kapaċita' ta' ex-impjegata mas-soċjeta Sata Bank bħala *Head of Retail* u fix-xogħol tagħha kienet tirrispondi lis-CEO jiġifieri r-rikorrent. Hija qalet li qabel ingħaqdet mas-soċjeta' hija kienet taħdem il-Bank of Valletta fejn għamlet 20 sena. Hija qalet li fil-kuntratt tax-xogħol tagħha kellha klawsola ta' protezzjoni finanzjarja jekk xi ħaga tmur ħazin u dan biex ikollha s-serħan tal-moħħ u kienet a *non-negotiable condition* li riedet hi l-aktar fil-konfront ta' bank ġdid u azzjonisti barranin. Din il-klawsola kienet ta' sena paga. Hija qalet li fl-2018 bdiet *compliance review* mir-regolaturi u tkompliet b'*internal audit*. Hija qalet li MFSA qalet li jrid ikun hemm separazzjoni bejn il-bank u l-kumpanija tal-azzjonisti, li filfatt kienet is-sinsla tal-bank. Hija qalet li r-reazzjoni tal-

bank kien li allura se jkollu jkun hemm winding up tal-operat u kkomunikat mal-MFSA b'din id-deċizzjoni tali mod li la jbagħtu l-azzjonisti, la l-klijenti u lanqas il-ħaddiema. Hija qalet li din kienet deċizjoni li ttieħdet mill- intimat Sata Bank. Ix-xhud qalet li wara dan l-MFSA bagħtet lill-intimat EY bħala l-persuna kompetenti bħala osservatur, imma din damet biss ħamest'ijiem u poprju fl-20 ta' Ottubru 2018 l-irwol ta' EY ġiet mogħtija poteri li tiffriza l-kontijiet kollha bankarji. Hija qalet ma kienux qed isejħulha winding up uffiċjalment izda l-azzjoni kienet tirrifletti winding up. Dan ukoll għall-fatt li l-klijenti bdew jiġu msejħa biex jagħtu direttivi fejn iridu jitrasferixxu flushom. Hija qalet li l-klijenti ovvjament riedu flushom għax ġew imblukkati u hi personalment ippruvat tikkalma l-klijenti għax min ġie bla paga u min ma setax ilaħħaq mal-*commitments* tiegħu. Hija qattgħet ħin twil tispjega u tfiehem lil EY li kienu ġejjin minn barra li ma kienux jafu ezatt l-operat tal-bank. Fi zmien minnhom kienu tfaċċaw madwar sittin (60) persuna minn pajjizi differenti tal-EY u huma bħala ħaddiema tal-bank ma baqgħux jinagħtaw jew jiġu delagati xogħol. Jekk hija ġiet imqabbda tagħmel xi ħaġa, din kienet bil-wisq inferjuri milli filfatt kien xogħlha, fosthom tordna l-kafe, tordna l-boroz tal-iskart. Hija qalet li minkejja dan kollu hija baqgħet hemm għax baqgħu jgħidulhom lill-imjieg tagħhom huwa garantit u kellhom bzonnhom hemmhekk biex meta jerġa' jiftaħ il-bank isib l-impjegat u jkompli jopera. Hija qalet li anke qalulhom li kien hemm azzjonist ieħor li kien lest li jieħu l-bank, għax il-problema propja kienet l-azzojonist prezenti. Hija qalet li meta kienet qed tgħin lil EY ġiet mitlub l-kuntratti tal-ħaddiema kollha u biex iserrħulhom rashom tawhom ukoll *retention bonus* biex ma' jaqtgħux qalbhom u jikkonfermalwhomli se l-impjeg se jibqa' sigur.

Hija spjegat ukoll il-proċess ta' *winding down* fejn isir b'mod organizzat, b'mod ippjanat fejn il-kontijiet tal-klijenti ma jiġux frizati imma ma tagħmilx kummerċ ġdid imma taħdem l-operat, jiġi kkonċentrat kollu fuq il-proċess biex wieħed jagħmel winding up mingħajr ma joħloq danni ta' livelli differenti kemm finanzjarji u oħrajn lill-impjegat, lill-azzjonisti u lill-klijenti.

Għall-kontro-ezami hija ikkonfermat li għandha kaz ta' *constructive dismissal* għaddej. Hija ikkonfermat li xogħlhom kien jaraw li l-klijenti jkunu eliġibbli ezempju jkollhom il-liċenzji neċessarji. Ix-xhud ikkonfermat li fil-kuntratt tax-xogħol kellha klawsola li 'kaz ta' terminazzjoni minhabba winding up għad-deskrizzjoni ta' min iħaddem u/jew transfer of business u l-imjegat ma jiġix offrut imjieg alternattiv, ikun intitolat għal sena paga. Ix-xhud qalet li seħħ proċess ta' madwar sena fejn l-azzjonisti għamlu proposta li jkun hemm winding up u l-MFSA għamlet reazzjoni għall-proposta tagħhom. Hija qalet li kien hemm

mumenti fejn ingħataw bonus biex jagħmlulhom kuraġġ u jibqgħu fl-impjieg sakemm titjieb is-sitwazzjoni u jerġa' jiftaħ il-bank. Hija qalet li kienu jiġu nies bla esperjenza minn EY u jitolbu l-assistenza tagħhom. Hija qalet ukoll li eventwalment ingħatat tagħmel xogħol bħal tordna l-kafé, timpostja l-ittri u tordna l-*garbage bags*.

Hija ikkonfermat li kienet taf li kienu qed jagħmlu rilaxx ta' fond. Ix-xhud ikkonfermat li bħala proċedura ta' kif jiġu rilaxxati l-flus kienet tafha sew izda l-metodu ta' kif aġixxa EY ma kienitx taf għax ma kientx involuta.

**Anthony Parnis** qal li kien jokkupa l-kariga ta' direttur mas-soċjeta' Sata Bank u kien wieħed mill-bidu nett qabel biss is-soċjeta' kienet reġistrata, propju meta kienu qed jiffurmar il-KPMG. Jgħid li qabel kien General Manager tal-Bank of Valletta u kien irtirat meta beda mas-soċjeta'. Huwa qal li l-involviment tiegħu kien fis-set up, fil-prodotti u fl-ingaġġ ta' staff speċjalment l-Ezekuttiv. Huwa qal li ma kienx involut fir-reklutaġġ izda kien involut f'laqgħat mal-azzjonisti. Huwa qal li n-nies ġew avviċinati minn KPMG u jien involut fil-pakkett li kienu se joffrulhom,, biex jattiraw nies lejn il-Bank għax kien daqsxejn diffiċli dak iz-zmen biex tieħu n-nies li riedu huma, jiġifieri nies ta' esperjenza. Huwa qal li riedu jzidu *remuneration package* li diġa kienu jħallsu banek oħra, bħal f'aktar sena paga f'kaz li jinqala' xi ħaġa. Huwa qal li ma kienx involut fl-ingaġġ tal-*middle management* u *junior staff*. Ix-xhud qal li kien involut fil-pakkett offrut lill-impjegati fl-ogħla karigi.

**Celine Talbot** fil-kapaċita' ta' *Legal Counsel Banking Supervision* fl-MFSA irreferiet għall-ittra datata 19 ta' Ottubru 2018 li ġiet mibgħuta minn Sata Bank lill-awtorita'. Hija qalet li kienet iffirmata miċ-*chairman*, minn Mario Gauci u Christo Georgiev li huwa l-*ultimate beneficial owner*. Ix-xhud qalet li mill-kontenut jirrizulta li l-Bord għamel xi deċizjonijiet dwar kif ħa tmexxi s-sitwazzjoni. Ix-xhud qrat mill-ittra li tgħid: '*a board meeting of Sata Bank was convened on the 15th October 2018 itself. After discussing the various regulatory instructions and actions being proposed or inflicted upon the Bank by the MFSA and FIAU the Board resolved to recommend to the major shareholder of the Bank as follows: since the Bank's business model is intrinsically dependent on the technical and operational support services of companies related to UBO the Board has resolved to implement a plan of action to sever all commercial and operational ties with all related parties of the UBO and the Board also resolved to recommend the scaling down of the operations of the Bank to a bare minimum such that all customers will be asked to terminate their relationship with the Bank in an orderly manner and giving them a period of sixty*

*days to do so..'* Wara din l-ittra l-MFSA bagħtet ittra lill-bank. Ix-xhud qalet li fil-prezent il-bank issa qiegħed isegwi il-proċess taħt il-*Controlled Companies Act.*
F'seduta oħra x-xhud ipprezentat zewġ ittri waħda datata 15 t'Ottubru li kienet intbgħatet bħala risposta u oħra datata 20 ta' Ottubru li nbgħatet mill-Awtorita' bħala risposta għall-ittra datata 19 ta' Ottubru li nbgħatet mill-bank lill-awtorita'.

**Richard Galea Debono** fil-kapaċita' ta' Likwidatur qal li l-bank qieghed fi stadju ta' likwidazzjoni fis-sens li qed isir ġbir ta' krediti li kien hemm u biex id-djun jiġu mifdija. Ix-xhud qal li diġa saru zewġ pubblikazzjonijiet fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-ġimgħat li ġejjin se jkun hemm pubblikazzjoni oħra kif rikjesta mill-artiklu 5 tal-Kap 383. Ix-xhud qal li minn hemm 'l quddiem kull ma jifdal huwa illi jsir rikors min-naħa tiegħu lill-Bord tal-Appelli Speċjali mniedi wkoll taħt Kap 383 sabiex ikun hemm approvazzjoni tal-iskema ta' distribuzzjoni. Ix-xhud qal li minn hemm imbagħad jibda' b'xi mod il-proċess tal-ħlas. Huwa qal li l-kumpanija għandha assi bizzejjed biex tħallas il-*claims* kollha li għandu quddiemu inkluz dawk il-*claims* jekk jintrebħu minn min qed jitlobhom. Ix-xhud qal ukoll li kien irċieva korrispndenza minn Christo Georgiev, li huwa l-*Ultimate Beneficial Owner*, biex iħallas lil min qed jagħmel il-*claim*, u huwa wieġbu li ma jieħux ordnjiet minn għandu.

**Sintesi tas-Sottomissjoni tal-kaz**

**L-Av. Lorraine Conti** li dehret ghal Sata Bank qalet li l-bank isostni li t-tkeċċija ma kienitx waħda inġusta, izda kienet terminazzjoni meħtieġa għal ragunijiet ta' redundancy. Hija qalet li l-Awtorita' għas-servizzi Finanzjarji ta' Malta (L-Awtorita') f'Ottubru 2018 permezz ta' avvizi pubbliċi ħarget numru ta' direttivi fil-konfront tal-bank biex tassigura governanza tajba, kontrolli u tieħu misuri. Fi kiem l-awtorita' stess ma setghetx toqhod aktar fuq dak li kien qed jghid il-Bank u fil-15 t' Ottbru 2018 appuntat lil EY bħala persuna kompetenti *ai termini* ta' l-Att Bankarju , Kap 371 tal-Liġijiet ta' Malta (Persuna Kompetenti) sabiex tagħti parir lill-Bank dwar tmexxija tal-kummerċ tieħu u fl-20 ta' Ottubru 2018 biddlet l-appuntament oriġinali u appuntata lill-Persuna Kompetenti sabiex tieħu f'idejha l-attvita' ta' bank sabiex jiġu mħarsa l-interessi tad-depozitanti u tieħu f'idejha l-kontroll tal-kummerċ. Ukoll avzat lill-bank sabiex fost ħwejjeġ oħra ma jaċċettax klijenti ġodda u ma jippermettix ebda ċaqliq fl-assi tal-Bank jew tal-klijenti tiegħu. Fl-24 ta' Ottubru 2018 l-Awtorita' ippermettiet li l-Bank jibda l-proċess sabiex jitħallsu lura d-depozitanti fuq tul ta' zmien. Dr. Conti qalet li sena wara fit-18 ta' Ottubru

2019 il-Bank ittermina l-imjieg tar-rikorrent b'effett mit-22 ta' Jannar 2020 għal raġunijiet ta' *redundancy*. Fit-30 ta' Ġunju 2020 il-Bank tilf illicenzja ta' bank u fit-30 ta' Ottubru 2020 l-Awtorita' ħatret kontrollur sabiex ixolji u jillikwida l-Bank. Hija qalet li kien hemm tnaqqis fil-*business requirements* fil-konfront tar-rikorrent u ma kienx hemm xogħol alternattiv għalih. Hija qalet li permezz tar-ristrutturazzoni il-Bank ma setgħax ikompl bl-ebda attivita', ħlief jiġbor flus dovuti lilu. Hija qalet li f'dan is-sens Grace Camilleri fl-affidavit tagħha tgħid u ma ġiex ikkontestat, '*illi għalhekk fi zmien meta EY ġie appuntat persuna kompetenti mill-MFSA, il-Bank fl-istess waqt bħala waqaf jopera bħala bank kummerċjali vera u propju.*'. Hekk kif ftit ftit il-maġġoranza tad-depozitanti tħallsu naqas ix-xogħol. Ħafna mill-impjegati tal-Bank irrezenjaw volontarjament. Wara l-Bank ittermina l-*Chef Operating Officer*, jiġifieri lir-rikorrent. Hija qalet li r-rikorrent jipprova jpinġi stampa u jgħid li meta ġie itterminat hu, l-Bank zamm nies oħra fl-ezekuttv, izda filfatt hu stess semma' wieħed biss għax il-Bank bilfors kellu jiġbor data u statistika. L-uniku persuna li nzammet kienet biex tgħin lill-Persuna Kompetenti fl-affarijiet ta' finanzi u mhux għall-operat tal-bank. Dr. Conti qalet li Marisa Saliba ukoll tipprova tagħti l-impressjoni li l-Bank kien għad għandu ħafna xogħol meta hija tgħid li nġiebu ħafna nies minn barra biex jahdmu fil-Bank; li l-Bank ipprova jzomm l-impjegati milli jitilqu permezz ta' retention bonus u l-impjegati kemm -il darba ingħataw garanzija li xogħolhom garantit.

Ftit xhur wara li ġie itterminat r-rikorrent, il-Bank tilef il-liċenzja bankarja. Dr. Conti tgħid li r-rikorrent ma jikkontestax il-fatt li ma kienx hemm aktar xogħol għalih u filfatt jaċċetta li l-Bank għadda minn winding up. Izda jallega li t-terminazzjoni tiegħu hija nġusta għaliex fil-waqt li l-Bank tramite l-bord tad-diretturi u l-ultimate beneficial owner kien ħa deċizjoni sabiex jiġi wound up jew jinbiegħ, il-Bank minflok ibbaza d-deċizjoni tiegħu sabiex jittermina l-impjieg tiegħu fuq din id-deċizjoni, ittermina l-impjieg tiegħu abbazi ta' redundancy sabiex ma jħalluhx is-sena paga abbazi ta' klawsola 10 tal-kuntratt tax-xogħol. Dr. Conti tgħid li l-klawsola tapplika meta jkun hemm xoljiment volontarju jew trasferiment tal-Bank jew l-operat tiegħu. Ir-rikorrent jgħid li kienu d-diretturi li varaw il-proċess u l-Bank avza lir-regolatur l-MFSA li xtaq jirtira l-liċenzja. Dr.conti tgħid li dan mhux minnu izda it-talba kienet biex jagħmlu *scaling down*. Il-kunsens biex ixolji qatt ma ntalab izda l-awtorita' minflok ħadet azzjoni l-għada stess l-20 ta' Ottubru 2018 sabiex timblokka l-proposta li għamillha l-Bank, neħħiet il-poteri tad-diretturi fejn jidħlu l-assi u l-operat tal-Bank u ħatret lil Persunsa Kompetenti minnflok. Ix-xoljiment tgħid Dr Conti kien wieħed regolatorju u ikkontrollat mill-bidu sal-aħħar mill-Awtorita'. L-

Awtorita' ma ppuruvat l-ebda pjan ta' winding up imressaq mill-Bank. Il-Bank tpoġġa taħt awtorita' ta' kontrollur u mhux il-Bank appunta kontrollur. Dr. Conti tgħid li l-ittra tad-19 ta' Ottubru li ntbagħtet mill-Bank kienet reazzjoni għall-waħda li rċieva fil-15 ta' Ottubru 2018.

Għaldaqstant, qalet Dr. Conti, t-talba li t-terminazzjoni ma kellhiex issir a bazi ta' redundancy u għandha tiġi miċħuda. Tgħid ukoll li anke kieku kienet volontarja xorta kienet tirrizulta f'redundancy. Hija tgħid li sew jekk tkun volontarja u sew jekk le, twassal għal nuqqas ta' attivita' kummerċjali u xorta tirrizulta f'redundancy. Hija qalet ukoll li r-rikorrent għamel allegazzjoni għal diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu, għalkemm din qatt ma kienet parti mit-talba oriġinali tiegħu. Izda d-diskriminazzjoni skont ir-rikorrent saret għax hu kellu klawsola 10 u ġie itterminat u min ma kellux ma ġiex itterminat.. Ir-rikorrent, tgħid Dr. Conti ma kienx kapaċi jispjega fil-kontro-ezami. Hija qalet li r-rikorrent aċċetta t-terminazzjoni ta' l-impjieg u dan irrizulta mix-xhieda li ta fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2024 meta huwa jgħid li ma kellux option ħlief li jaċċetta. Hija tgħid li hemm evidenza ċara li r-rikorrent jinteressah biss li jieħu sena paga.

Dr. Conti qalet li r-rikorrent mhuwiex jattakka r-raġuni tat-terminazzjoni tiegħu izda l-konsegwenza tat-terminazzjoni, jiġifieri klawsola 10. Hija rreferiet ukoll għad-deċizjoni fl-ismijiet Neville Bonnici vs Satabank plc u Ernst & Young Ltd tat-13 ta' Ottubru 2021 fejn il-Qorti tal-Appell tagħmilha ċara illi t-Tribunal Industrijali m'għandux kompetenza jitratta l-ewwel erba' talbiet tar-rikors promotur liema talbiet jinkludu *lump sum* ta' sena impjieg. Dr. Conti tgħid ukoll li meta tkeċċija minn impjieg tkun rizultat ta' redundancy, ma tistax tkun inġusta u l-prova reġina ta' redundancy f'dan il-kaz toħroġ weħidha mill-fatt innifsu li l-Bank ingħalaq u waqaf jopera.

**Avv. Carlo M Vigna** li deher għal EY qal illi permezz tar-rikors promotur ipprezentat fit-13 ta' Mejju 2020, r-rikorrent talab li jingħata kumpens tat-23 ġurnata leave tas-sena 2018; zieda fil-paga li kienet ġiet awtorizzata minn Jannar 2018 ; jingħata l-ammont ta' *annual performance bonus* għas-sena bazi 2018; jingħata *lump sum* ta' sena talli l-imjieg tiegħu ġie tterminat skont klawsola 10; u li jiġi iddikjarat mit-Tribunal li t-terminazzjoni tiegħu kienet waħda nġusta. Dr. Vigna qal li permezz taz-zewġ sentenzi preliminari mogħtija mill-Onorabli Qorti tal-Appell fit-13 ta' Ottubru 2021 ġie ddikjarat li dan l-Onorabbli Tribunal m'għandu l-ebda kompetenza fir-rigward l-ewwel erba' talbiet imressqa mir-rikorrent. Huwa qal li mill-ewwel eċċezzjoni tal-intimati EY u li għadha ma ġietx deċiza, essenzjalment tikkonsisti filfatt li r-rikorrenti qatt ma kien impjegat ta' EY

kwindi bejn EY u r-rikorrent m'hemmx relazzjoni ta' prinċipal u mpjegat, għaldaqstant EY għandha tiġi illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Huwa qal ukoll li r-rikorrent qatt ma kien impjegat ta' EY. Ir-rikorrent f'ebda stadju ma kkontesta l-fatt li huwa qatt ma kien impjegat. Ukoll, fix-xhieda tiegħu , l-istess rikorrent fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2020 huwa kkonferma li qatt ma kien impjegt ta' EY. Dr. Vigna qal li EY ġiet appuntata mill-awtorita' regolatorja tal-Bank, Malta Financi Services Authority (MFSA) sabiex taġixxi bħala Persuna Kompetenti ( Competent Person), *ai termini* tal-Att Bankarju (Kap 371 tal-Liġijiet ta' Malta), f'Ottubru tas-sena 2018. Kif spjega r-rapprezentant tal-MFSA David Eacott fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2022, kien speċifiku li l-Bank (Sata Bank) baqa' entita' legali u EY baqgħet entita' legali separata mill-Bank u ma kien hemm l-ebda take-over minn naha ta' EY. Eacott ikkonferma wkoll li EY kienet tieħu struzzjonijiet minn ghand l-MFSA.

Dr. Vigna qal li t-Tribunal ma jistax jisma' kazijiet bejn impjegati u terzi persuni u dan huwa prinċipju kardinali tal-ġurisprudenza industrijali nostrana. Huwa qal li l-impjieg tar-rikorrent minn mal-Bank ġie itterminat abbazi ta' redundancy. Minn naħa tiegħu fir-rikors promotur, ir-rikorrent fil-ħames talba qed jitlob li tali terminazzjoni tiġi dikjarata bħala waħda nġusta. Meta wieħed jara l-izvolġiment tal-kaz u l-linja meħuda mir-rikorrent u b'mod partikolari x-xhieda tiegħu, mod ċar fir-realta' r-rikorrent mhux qed jikkontesta t-terminazzjoni, izda qed isostni li r-raġuni tat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu kienet minħabba winding up tal-bank li skont hu saret b'deċizjoni tal-UBO, u *winding down* twassal bilfors għar-redundancy.

Wieħed jistaqsi għalfejn r-rikorrent mhux qed jikkontesta t-terminazzjoni *per se*, ir-risposta hi li jrid li tiġi applikata klawsola 10, li tgħid li f'kaz ikun hemm winding up of business a deskrizzjoni ta' min iħaddem, r-rikorrent kien ikun intitolat għal sena paga. Il-winding up tal-Bank sar fuq ordni tal-awtoritajiet u mhux għad-deskrizzjoni tal-impjegat. Huwa paċifiku li meta l-impjieg tar-rikorrent ġie itterminat, il-Bank kien waqaf jopera. Kwindi, f'dak l-istadju ma kienx hemm aktar lok għalfejn il-Bank ikollu COO. Huwa qal li l-istess rikorrent permezz ta' Nota ipprezentata fl-atti ta' dawn il-proċeduri fit-22 ta' Marzu 2022 r-rikorrent talab li dan l-Onorabbli Tribunal jinterpreta l-kuntratt tal-impjieg tiegħu billi jiddetermina jekk l-klawsola 10 tal-kuntratt tal-imħjeg għadhix tapplka jew le. F'tentattiv ieħor biex isalva l-kaz tiegħu u minkejja n-Nota msemmija, jgħid li kien hemm impjegat ieħor li nzamm wara t-terminzzjoni tiegħu u allura kien hemm xi forma ta' diskriminazzjoni, izda ma ġab l-ebda prova u ma kkontestax li ma kienx hemm aktar lok għar-rwol tiegħu ta' COO.

Dr. Vigna qal li t-terminazzjoni saret minħabba redundancy għaliex ġie ampjament ippruvat li meta di saret il-Bank kien waqaf milli jopera, kwindi l-fatt li nbeda l-proċess ta' likwidazzjoni kien per konsegwenza naturali jfisser li l-imjegati ser ikunu *redundant*.

**Av. Leontine Calleja** li dehret għar-rikorrent spjegat kif ir-rikorrent ezerċita' d-dritt tiegħu li jirrikorri fit-Tribunal Industrijali wara li tilef ix-xogħol tiegħu. Hija tgħid ukoll li s-soċjetajiet konvenuti bħal donnhom qegħdin jinsew li kienet is-soċjeta' konvenuta Satabank plc li setgħet kienet fil-mira ta' xi attivita' li kienet qegħda tiġi segwita mill-Awtoritajiet u mhux l-impjegati tal-Bank infushom.. Hija tgħid li s-soċjetajiet konvenuti saħansitra pruvaw iħammġu lir-rikorrenti bħal donnu kien xi aġir minn naħa tiegħu li seta' wassal għas-sitwazzjoni li fiha sab ruħu l-Bank. U qatt ma kien hemm xi nuqqasijiet li setgħu kienu attribwiti lir-rikorrent. U dan għax qatt ma okkupa l-kariga ta' Direttur. Rigward id-Deċizjoni li ħa l-Bord tad-Diretturi fil-15 ta' Ottubru 2018. Dr. Calleja qalet li huwa opportun li ssir referenza għal klawsola 10 tal-kuntratt. Hija tgħid li r-rikorrent jisħaq li r-raġuni li l-Bank ittermina l-impjieg tar-rikorrent minħabba redundancy, hija sabiex propju r-rikorrent jiġi mċaħħad mid-dritt kuntrattwali. Hija tgħid li fir-realta', t-terminazzjoni kienet waħda konsegwenti u għar-raġuni tal-winding up of the business, mir-rezoluzzjoni tal-Bord, li kopja tagħha nbagħtet lil MFSA propju fil-15 t'Ottubru 2018. Dr. Calleja qalet li s-soċjetajiet konvenuti dejjem isostnu li t-Tribunal m'għandux il-kompetenza neċessarja fil-kaz odjern, u li kellha tkun il-Prim Awla li tiddeċiedi dwar l-infurzar tal-kuntratt, u hawn għamlet referenza għas-sentenza tal-Prim Awla tal-15 ta' Mejju 2018 fl-ismijiet *Dennis Francalanza vs HSBC Bank Malta plc.* Hija qalet ukoll li r-rikorrent semma aktar minn darba li qabel ma ġiet appuntata l-Persuna Kompetenti, il-bord tad-diretturi tal-bank kien ħa deċizjoni fil-15 ta' Ottubru 2018 flimkien mal-'Beneficial Owner', u sid il-Bank li jew ibiegħ is-sehem tiegħu, jew inkella jirritorna l-liċenzja tal-Bank. Illi s-soċjetajiet konvenuti pruvaw jizvijjaw lit-Tribunal u dejjem ċaħdu li qatt kien hemm xi forma ta' rezoluzzjoni mill-bord għall-*winding down*. Dr. Calleja qalet li għal raġunijiet ta' kjarezza, l-MFSA appuntat lill-konvenuti EY bħala Persuna Kompetenti fl-20 ta' Ottubru 2018. Għalhekk huwa ċar li l-appuntar ta' EY seħħ wara li l-Bord tad-Diretturi flimkien ma' sid il-Bank qablu fil-15 ta' Ottubru 2018 li jibdew proċess ta' *winding down*, bejgħ jew li jirritorna l-liċenzja. Kien għalhekk li l-konvenut EY, permezz tal-poteri marbuta mar-rwol ta' Persuna Kompetenti, tterminaw l-impjieg tar-rikorrent għar-raġunijiet ta' redundancy, propju biex joħorġu mill-obbligi li jħallsu s-somma kuntrattwalment. Dr. Calleja qalet li fix-xhieda ta' Dr. Galea Debono ġie

ikkonfermat illi s-Sur Christo Georgiev kien il-Beneficial Owner tal-bank. Qalet ukoll li fix-xhieda tiegħu Dr. Galea Debono baqa' jsostni li ma jiftakarx li kien irċieva ittra mingħand is-Sur Georgiev ferm wara li tkeċċa l-esponenti fejn ġie awtorizzat biex iħallas lill-impjegati.

Hija qalet li l-ittra sservi bħala konferma ċara mill-persuna li attwalment iffirmat il-kuntratt tal-impjieg illi d-deċizjoni li kien ħa flimkien mal-Bord tad-Diretturi propju fil-15 ta' Ottubru 208 kienet li jingħata bidu għall-proċeduri ta' stralċ tal-bank, u għalhekk kien jiskatta l-klawsola 10 tal-kuntratt tal-impjieg.

Dr. Calleja qalet li fin-nota tas-SataBank fi klawsola 26(a), tipprova tattakka l-ittra li nbagħtet lil Awtorita' fid-19 ta' Ottubru 2019 mid-diretturi ma kinitx deċizjoni ta' *winding down* izda kienet ta' scaling down tal-business u għalhekk il-bord ma kienx ħa deċizjoni ta' *winding down*. Fl-istess paragrafu 26(c), tgħid illi istituzjoni bħal din ma tistax taqbad u tieħu deċizjoni minn jeddha biex tbiddel il-business tagħha jew tgħaddi għal xoljiment mingħajr il-kunsens tal-bank. Tenut dan l-argument il-mistoqsija tiġi waħedha allura x'kien il-ħsieb wara klawsola 10 tal-kuntratt, li jizvijjaw l-impjegati għax il-Bank qatt ma seta' jagħmel *voluntary winding up*. Dr. Calleja tirreferi wkoll għall-fatt li paragrafu 29 fl-istess Nota tal-Bank tagħmel referenza għal tentattiv ta' trasferiment tal-bank permess ta' bejgħ illi sfuma fix-xejn li juri ċar illi kien hemm tentattiv ta' trasferiment tan-negozju ukoll, ħaġa li hija kkontemplata ukoll fi klawsola 10 tal-kuntratt. Dr. Calleja tgħid ukoll li meta l-Bank esperjenza rizenji minn impjegati abbazi taċ-cirkostanzi, EY bħala l-Persuna Kompetenti uzaw konsulenti tagħhom, u biex ikomplu x-xogħol li kellu jsir fil-bank kien hemm bzonn ta' għajnuna esterna izda xorta r-rikorrent ġie itteminat a bazi ta' redundancy. Dr. Calleja tgħid li EY kienet qegħda tieħu d-deċizjonijiet hi stess u ma nġabet ebda prova li kienet qiegħda taġixxi fuq pariri tal-MFSA f'dawn id-deċizjonijiet. Fil-fatt l-istralċjatur kien ġie maħtur fejn wara li impjieg tar-rikorrent kien ġie itterminat. Dr. Calleja qalet li huwa minnu li EY ma kienx l-*employer*, izda bla dubju ta' xejn EY assumiet ir-rwol ta' Persuna Kompetenti, f'Ottubru 2018, u hemmhekk daħlu fis-seħħ responsabbilitajiet fosthom dwar id-deċizjonijiet tagħhom fejn kien jikkonċerna l-impjegati. Hija qalet li l-impjieg tar-rikorrenti kien wieħed inġust għaliex li kieku EY kellhom pjan ta' redundacny, ma kienitx tagħmel sens li jzommu persuna oħra fl-istess livell ta' kariga li nzerta mingħajr klawsola 10. Tgħid ukoll li t-terminazzjoni tikser ukoll il-prinċipju tal-'*first in last out*', kif stabbilit bl-artiklu 36(4) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Dr. Calleja qalet li EY kienu qegħdin effettivament imexxu l-Bank u jieħdu d-

deċizjonijiet, u għalhekk is-soċjeta‘ flimkien mal-Bank hija l-leġittimu kontradittur fil-kaz odjern. Hija tgħid ukoll li minħabba d-dell ikrah li ngħata lill-Bank konvenut fil-kawza in kwistjoni, ir-rikorrent ma setax isib impjieg fis-settur.

**Sintezi tat-Trattazzjoni**

**Av. Lorraine Conti** qalet li r-rikorrent ried jilagħba tal-vittma izda l-kaz kien fuq redundancy u l-kaz qatt ma sar biex jiġi attakkat. Hija qalet li s-sitwazzjoni tal-bank ħarġet fil-pubbliku u kulħadd jaf x'ġara. Hija qalet li b'referenza għaz-zewġ kazi li semma' r-rikorrent l-kawza saret biex jiġu attakkati personalment. Dr. Conti qalet li r-rikorrent għandu ħabta jixħet l-affarijiet mingħajr ma jġib provi ezempju bħal meta jgħid li EY kellu ħafna mpjegati, izda hu zgur li ma ġewx biex jagħmlu xogħol ir-rikorrent. Hija qalet li jagħmlu referenza għar-rezoluzzjoni li ħa l-board tad-diretturi. Hija tgħid li kieku kienet *winding down* kieku ma kienx jinħatar *competent person* biex ikompli jamministra l-bank. Kien jinħatar stralċjatur biex imbagħad jagħmel *winding down* tal-bank. Filfatt l-istralċjatur ġie maħtur sentejn wara li saret ir-rezoluzzjoni u wara li l-bank kompla jiġi amministrat u kien hemm attentati biex il-bank jinbiegħ.

**Av. Carlo Vigna** qal li r-rikorrent qatt ma kien impjegat mal-intimat EY, ħaġa li mhux biss ħarġet mill-provi imma reġgħet ġiet ikkonfermata għal darb'oħra fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent. Dr.Vigna qal li issa EY ġie maħtur mill-awtorita' kompetenti u jaqqgħu partikolarment taħt artiklu 29 tal-Kap 371 u EY alura kienet tirrispondi għall-għaġir tagħha direttament lill-MFSA.

**Av. Leontine Calleja** qalet li hawnhekk qeghdin jgħidu li Satabank bħala bank ħa deċizjoni li jibda' procedura ta' *winding down*, ovvjament awtorizzata mill-MFSA. L-intenzjoni tal-bank kienet li jipproċedu għal *winding down*, li xi zmien kienet staġnata pero' l'hemm imxew l-affarijiet. Dr. Calleja qalet imma meta ġew biex jagħmlu terminazzjoni, qatt m'għamluha minħabba *winding down*, propjament biex ma tiskattax il-klawsola 10. Hija qalet li mhux qed jippretendu li jitħallas l-ammont marbut ma' klawsola 10, izda jitħallas l-ammont li tilef dik is-sena meta ddeċidew biex jagħmlu t-terminazzjoni biex r-rikorrnt zgur jitlef dak il-punt.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

B'deċizjoni Preliminari mill-Qorti tal-Appell tat-13 ta' Ottubru 2021, (*Appelli Inferjuri Nru 81/2020 LM u 82/2020 LM* ) fl-ismijiet *Neville Bonniċi vs Satabank p.l.c. u Ernst & Young Ltd*, il-Qorti qalet li dan it-Tribunal m'għandux kompetenza jisma' u jiddeċiedi l-ewwel erba' talbiet.
Fid-deċizjonijiet surreferiti l-Qorti tal-Appell qalet ukoll li dan it-Tribunal għandu biss kompetenza jisma' u jiddeċiedi fuq il-ħames talba, u intant dan it-Tribunal se jikkonsidra biss, jekk t-terminiazzjni saritx għal raġuni ġusta jew le.

Tenut kont ta' għaxar fatturi miġjuba bi provi waqt is-smiegħ tal-kaz ċioe: -

Li r-rikorrent kien impjegat mas-soċjeta' sa mis-6 ta' Ottubru 2014 bħala *Chief Operating Officer* u ġie tterminat fil-21 ta' Jannar 2020;

Li r-rikorrent kien impjegat mas-Sata Bank liema bank b'ordni tal-MFSA mhux qed jopera u ġie maħtur EY (*Ernst & Young*) bħala l-Persuna Kompetenti biex taġixxi f'ismu ;

Li r-rikorrent jallega li sofra terminazzjoni nġusta mill-impjieg bil-mod kif ġie mdawwar il-fatt li l-kumpanija għamlet *winding up* u mhux vera li r-rikorrent spiċċa mill-impjieg għax ġie *redundant* u sussegwentement ġie mċaħħad minn benefiċċji li hu jgħid li hu ntitolat għalihom;

Li waħda mill-partijiet li jiffurmaw is-soċjeta' ntimata tesiġi li mhix leġittima kontraditttur u dan għax huma ġew imqabbda mill-MFSA skont artiklu 29(1)(b) tal-Kap 371 tal-liġijiet ta' Malta, biex jaġixxi f'isem il-parti l-oħra, jiġifieri f'isem SataBank;

Li EY aġixxiet f'isem il-kumpanija u daħlet fiz-zarbun tagħha għax ġiet inkarigata tagħmel dan mill-Awtorita' kompetenti ċioe' l-MFSA, bħala Persuna Kompetenti (*Competent Person);*

Li malli l-kumpanija bdiet il-proċess ta' *winding up*, sussegwentement il-ħaddiema tagħha bdew jiġu ddikjarati *redundant*;

Li z-zewġ partijiet mhux jaqblu min nieda l-proċess ta‘ *winding up*, ċioe jekk kienx wieħed volontarju jew le;

Li l-krux tal-kwistjoni hija li kull prova u argument li nġab dejjem ipponta lejn jekk kellhiex tiskatta klawsola 10 tal-kuntratt tax-xogħol, taħt deċizjoni jew oħra, liema klawsola tordna l-għoti ta' sena paga lil ċerti mpjegati jekk jiġu tterminati a bazi ta' winding up volontarju mis-soċjeta' konvenuta il-Bank, jew jekk din ta' l-aħħar tordnax trasferiment ta' l-istess bank;

Li r-rikorrent mhux jikkontesta t-terminazzjoni nnifisha anzi jirrikonoxxiha izda jikkontesta jekk it-tali terminazzjoni kellhiex tkun waħda li magħha ġġib il-benefiċċji li toffri klawsola 10 u jekk le, allura r-rikorrent qiegħed iqis it-terminazzjoni bħala nġusta;

Li t-Tribunal se jikkonsidra biss jekk it-terminazzjoni kinitx ġusta jew le u mhux jekk kellux jingħata xi benefiċċji mat-temm tal-imjieg.

**DEĊIZJONI**

F'dawn il-proċeduri it-Tribunal jirrizultalu li l-intimat EY qatt ma kien direttament jimpjega lir-rikorrent izda jibqa' l-fatt li bl-involviment tal-intimat EY bħala l-Persuna Kompetenti biex jieħu r-riedni f'idejh u jwettaq il-mizuri skont il-liġi u kif inizjati mir-regolatur, nibtet relazzjoni ta' xogħol. Il-Persuna Kompetenti daħlet fiz-zarbun tal-intimat bank u aġixxiet f'ismu daqs li kieku kienet hi l-entita' li tħaddem lir-rikorrent f'dak il-waqt. It-Tribunal jemmen li kemm il-bank u kemm il-Persuna Kompetenti għandhom ikunu fil-ġudizzju. Għaldaqstant it-Tribunal qed jiddeċiedi li l-intimat EY mhuwiex meħlus mill-osservanza tal-ġuudizzju fil-kaz odjern.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-proċess li wassal għat-temm tal-impjieg tar-rikorrent beda mill-korrispondenza tat-3 ta' Ottubru, 2018 maħruġa mir-regolatur,MFSA u ndirzzata lill-intimat Bank, fejn ir-regolatur kien ġibed l-attenzzjoni għan-nuqqasijiet li irrizultaw mit-*Thematic Review* li seħħ fl-2016. Ir-regolatur reġa' bagħat korrispondenza fil-15 ta' Ottubru biex ikomplu l-proċess *ai termini* tal-artiklu 9 (2) Paragrafu (ċ) u (g). Kien propju wara li rċieva dawn il-korrispondenzi u ordnijiet kif għandu jopera, meta l-bank bagħat l-ittra tad-19 ta' Ottubru fejn ippropona *scaling down*, liema proposta ġiet miċħuda u

b'ittra oħra fl-20 ta' Ottubru l-mizuri restrittivi intensifikaw. Fil-fehma tat-Tribunal hawnhekk inbeda l-*winding down* fejn eventwalment wassal għat-temm tal-impjieg tar-rikorrent.

Jekk il-*winding down* kienx volontarju jew le dan it-Tribual lanqas biss se jikkunsidraha għax ma tgħamillux differenza min beda jew spiċċa l-*winding down*. It-Tribunal issendika jekk saritx u jekk ġabitx magħha t-temm tal-impjieg u ċioe x'ikkawza t-temm tal-impjieg ghax s'hemm jista' jara dan it-Tribunal. Sa mill-bidu tal-kawza deher ċar li l-post tax-xogħol tar-rikorrent intemm għax il-bank ma baqax jopera. Il-ħames talba tar-rikorrent biex it-Tribunal jiddikjara li ntemm b'mod inġust, hija direttament marbuta mal-fatt li ma ingħatax ċans jibbenifika minn klawsola 10. Ir-rikorrent innifsu ma kkontestax li ntemmlu ix-xoġħol izda dejjem dawwar kull prova u argument jekk kellux jingħata l-kumpens ta' klawsola 10, liema kwistjoni dan it-Tribunal ma jidħolx fiha. Dan jindika ċar li ma hemmx inġustizzja li ġie itterminat l-impjieg tiegħu għax ma setax jinzamm fl-impjieg.

Ġaladarba l-post tax-xogħol intemm it-Tribunal jifhem li r-rikorrent kellu jiġi itterminat.

Minn naħa l-oħra jekk ir-rikorrent iħoss li saret inġustizzja bil-mod kif ġie interpretat il-kuntratt tax-xogħol u l-klawsoli fih marbuta ma' benefiċċji f'kaz ta' terminazzjoni, dejjem jista' jfittex kumpens f'fora oħra, imma ċertament mhux quddiem dan it-Tribunal.

Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni fil-kaz odjern kienet waħda skont il-liġi.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**(Iffirmat)**
**Doreen Parnis**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Għas-Segretarju.**